ID-DISA' LEĠISLATURA

MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

**Laqgħa Numru 3** Nhar it-Tnejn 26 ta ' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

PREŻENTI:

Neville Chetcuti
Ralph Mangion
Tania Borg
Aaron Caruana
Joyce Bray
Martin Vella

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessica Borg
Conrad Borg Manche
Ryan Sciberras

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Neville Chetcuti, Ralph Mangion, Tania Borg, Aaron Caruana, Joyce Bray u Martin Vella.

### 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 pm, fejn is-Sindku, Neville Chetcuti, fetaħ b’talba. Huwa talab ukoll għal minuta silenzju b’tifkira ta' żewġ eks-kunsilliera li mietu din il-ġimgħa, u l-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia se tibgħat ittra ta' kondoljanzi lill-familjari.

## 3.2 Minuti tal-Laqgħa Preċedenti

3.2.1 Il-minuti ta’ laqgħa numru 2 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

3.2.2 Is-Sindku Neville Chetcuti informa li ser issir installazzjoni ta’ "sleeping policemen" ħdejn id-Dar tax-Xjuħ fi Triq Nazju Ellul.

3.2.3 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa dwar il-pagament relatat mal-"fire engine". Il-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li nofs il-pagament diġà sar.

3.2.4 Is-Sindku Neville Chetcuti esprima sodisfazzjon dwar il-ħasil tat-toroq li għamel kuntent ħafna lir-residenti. Il-Viċi Sindku Mangion, flimkien mal-Kunsillier Aaron Caruana, ipproponu li qabel isir il-ħasil, isir programm ta' knis biex titjieb l-effiċjenza.

3.2.5 Is-Sindku Chetcuti informa lill-Kunsill li għadhom qed jistennew laqgħa mar-rangers u mal-Community Police biex jiġu diskussi miżuri ta' sigurtà.

3.2.6 Il-Kunsillier Martin Vella ssuġġerixxa li jkun hemm aktar reklam fuq Facebook għal attivitajiet li ser isiru fix-Xatt fi ħdan il-programm kollaborattiv mar-reġjun.

3.2.7 Il-minuti ta’ laqgħa numru 2 ġew approvati b’mod unanimu fuq proposta tal-Viċi Sindku Ralph Mangion u ssokonda mill-Kunsillier Aaron Caruana.

## 3.3 Korrespondenza mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku Chetcuti rċieva talba għal laqgħa mal-MIDI u stedina lill-kunsilliera kollha biex jattendu.

3.3.2 Huwa qal ukoll li l-Kunsill għandu japplika għal kull fond disponibbli. Skema mill-Public Works imsejħa “Framework” għandha allokazzjoni ta' €175,000 għall-Gżira, ibbażata fuq l-istess kriterji ta’ allokazzjoni tal-fondi tal-gvern ċentrali lill-kunsilli lokali.

3.3.3 Dan il-ftehim jinkludi xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija tal-katusi, bankini, toqob fit-toroq, ħitan, u xogħlijiet anċillari oħra.

3.3.4 Is-Sindku informa li l-Public Works diġà offrew l-għajnuna tagħhom biex jirranġaw xi madum, u talab ukoll tiswijiet għal Triq Manuel.

3.3.5 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa dwar il-progress fuq il-ġnien, fejn is-Sindku kkonferma li dalwaqt se jibda l-proġett.

3.3.6 Is-Sindku qiegħed iqis talba għal bank f'Triq Moroni, u stqarr li minħabba n-nizla, ikun aħjar li jsir b'appoġġ tal-ħadid. Il-Viċi Sindku Mangion issuġġerixxa li tinbena bankina ħdejn il-bank.

3.3.7 Is-Sindku qal li ser issir zebra crossing ġdida ħdejn il-Convenience Store f'Triq ix-Xatt, u li zebra crossing oħra ħdejn Zammit Clapp għandha tiġi rinovata.

3.3.8 Ġiet diskussa laqgħa mal-ERA dwar il-"Bring-in Sites", u ġie deċiż li l-Gżira għandha bżonn 5 settijiet ġodda, li se jkunu sorveljati b'cameras.

Ġie diskuss li dawn isiru:

- 2 sets f'Pjazza Jerry Zammit,
- 2 sets f'Reggie Miller,
- 1 set ħdejn il-Ġnien.

3.3.9 Is-Sindku informa wkoll li l-proġett tal-Green Project ser joħroġ it-tender dalwaqt, sabiex l-inħawi tat-triq jerġgħu jieħdu r-ruħ u jkollhom dehra aħjar.

3.3.10 Is-Sindku informa wkoll li kellu laqgħa ma' Mr. J. Pullicino Orlando dwar attivitajiet edukattivi ma' studenti u ġenituri biex jgħinu lill-ġenituri jifhmu aħjar lil uliedhom.

3.3.10 Is-Sindku informa wkoll li il- projet tal Green Project ser johrog it-tender dalwaqt halli l area tat- triq terga tiehu ir- ruh

3.3.11 is- sindku spjega li gab stima ghal-4 CCTV cameras, u ser nipprovaw naghmlu power wash cleaning madwar il- housing estate

## 3.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

3.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella qajjem kwistjoni dwar l-abbuż tad-droga u ħmieġ fil-Housing Estate. Is-Sindku rrisponda li se jsiru diskussjonijiet mal-Ministru u mal-Community Police, u proposta biex isiru bidliet fid-dawl tal-inħawi.

3.4.2 Joyce Bray irrappurtat culvert imkisser f'Triq ix-Xatt, taħt il-bankina.

3.4.3 Il-Kunsillier Aaron Caruana kkummenta dwar feeders tal-qtates li ma qedux jnaddfu wara li jitimgħu l-annimali.

3.4.4 Caruana qajjem ukoll il-kwistjoni ta' xi flats li qed joħorġu l-iskart mhux fil-ħinijiet u ġurnata stabbilita, u talab għall-ħinijiet uffiċjali tal-ġbir tal-iskart.

3.4.5 Il-Viċi Sindku Mangion reġa' saħaq dwar il-ħtieġa ta' "sleeping policemen" f'Luqa Briffa, speċjalment għall-protezzjoni tal-mużew .

## 3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

3.5.1 Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa dwar pagament relatat ma' Perit Joe Bugeja. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata mill-Kunsillier Joyce Bray, sekondat minn Il-Kunsillier Aaron Caruana

## 3.6 Tmiem tal-Laqgħa

3.6.1 Il-laqgħa ntemmet għall-ħabta tas-6:15 pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet stabbilita għan-25 ta' Settembru.

---

**Konfermati**: 26 ta'Awwissu 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Neville Chetcuti | Is-Sa. Mandy Farrugia |